**Kapitlu 3** **Inħobbu lil xulxin bħal aħwa**

**Lezzjoni 3.4. Lili u Lilek Alla jħobbna!**

**Għanijiet:**

1. Jikkonsolidaw li hemm affarijiet li jgħaqqduna mal-oħrajn.
2. Japprezzaw il-fatt li Alla jħobb lil kulħadd



3. Jifhmu li Alla jħobbna tassew

**Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint Presentation bi stampi ta' ġenituri ma' uliedhom
- Kanzunetta – 'Jesus Loves the Little Children'



**Naqsmu flimkien:**

- Ibda l-lezzjoni billi turi lit-tfal stampi differenti ta' ġenituri ma' uliedhom. Tista' tuża l-istampi li ntużaw fl-ewwel lezzjoni u li t-tfal huma familjari magħhom.

- Ħeġġeġ lit-tfal jiddiskutu dak li qed jaraw u għinhom jagħrfu kif dawk it-tfal ilkoll għandhom l-imħabba tal-ġenituri tagħhom jew ta' min jieħu ħsiebhom.

- Staqsi mistoqsijiet adatti biex toħroġ il-ħsieb ewlieni li l-imħabba fil-familji hi taħt forom differenti eż: it-tfal jgħinu lill-adulti fix-xogħol tad-dar, il-ġenituri jaħdmu biex jaqilgħu l-flus, l-għajnuna li t-tfal jingħataw waqt il-'homework' jew meta jweġġgħu eċċ kollha juru forom ta' mħabba.

**Nisimgħu flimkien:**

- Spjega kif anke Alla lilna jurina mħabbtu b'modi diversi fil-ħajja ta' kuljum. Tana lill-ġenituri u adulti oħra li jieħdu ħsiebna; għalliema li jippreparaw ħafna materjal biex jgħallmuna; il-ħbieb li jilagħbu magħna u jżommulna kumpanija eċċ.
- Uri lit-tfal kif Alla jħobbna ħafna għax ħalaq dinja perfetta għalina li fiha nistgħu ngħixu tajjeb (xemx, baħar, annimali, siġar eċċ).
- Spjega wkoll li minbarra dawn l-affarijiet kollha li tagħna, Alla jħobbna bl-istess mod. Kulħadd huwa speċjali għalih u ħadd mhu meqjus anqas minn ħadd.

**Nikbru flimkien:**

- It-tfal mistennija jaħdmu fi gruppi ta' tlieta u flimkien bejniethom jitkellmu dwar dak kollu li Alla tahom u li permezz t'hekk jafu li jħobbhom.
- Staqsi mistoqsijiet diretti bħal *Kif taf li Alla jħobbok? / X'għamel għalik Alla u li b'hekk taf li jħobbok?*
- Permezz ta' dan l-eżerċizzju t-tfal jingħataw l-opportunita' li jifhmu aktar kemm Alla jħobb lil kulħadd.
- Fakkar f'dawn l-affarijiet:

1. Alla tana ħafna affarijiet sbieħ.
2. Alla tana min jieħu ħsiebna
3. Alla qiegħed magħna l-ħin kollu.

**Nagħżlu flimkien:**

- Uri lit-tfal l-importanza li waqt il-ħin tal-logħob kulħadd mistenni jilgħab flimkien.
- Alla jħobb lil kulħadd għalhekk aħna għandna nagħmlu l-istess u ma nagħżlux biss lil min jogħġobna waqt il-logħob.
- ***Inkunu ferħanin li nilagħbu flimkien***

**Niċċelebraw flimkien:**

- Semma' lit-tfal il-kanzunetta 'Jesus Loves the Little Children' u urihom xi ftit mossi sempliċi li huma jistgħu jagħmlu waqt li jkantaw il-kanzunetta.
- Wara li flimkien magħhom tkun iddiskutejt il-messaġġ tal-kanzunetta, irreppeti d-diska biex it-tfal ikunu jistgħu jkantaw u jagħmlu l-mossi f'atmosfera ferriħija.



**Nitolbu:**

- Ħeġġeġ lit-tfal biex flimkien jirrepetu t-talba li tagħmel int bħala ringrazzjament ta' kull ma jagħmel għalina u ta' kemm iħobbna.

